SAN LAWRENZ

Il-Minuti tas-sebgħa u għoxrin laqgħa tal-Kunsill Lokali San Lawrenz li nżammet nhar it-Tlieta 23 ta'Ġunju 2009 fil-5:30 ta' wara nofsinhar fl-Uffiċċju tal-Kunsill Lokali San Lawrenz .

Preżenti:

*Sindku:* Noel Formosa

*Viċi-Sindku:* Anthony Formosa

*Membri:* Luigia Grima
John Mercieca
Joseph Sultana

*Segretarju Eżekuttiv:* Lucienne Haber

1.0 Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku.

2.0 Inqraw il-minuti u ġew approvati.

**3.0 <u>Korrispondenza</u>**

3.1 Ġiet trattata l-ittra mingħand id-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali rigward tnaqqis mill-allokazzjoni finanzjarja tal-Kunsill peress li fis-sena preċedent l-Kunsill qabeż l-ammont allokat fi spejjes ta' safar.

3.2 Ġiet trattata wkoll it-talba mingħand l-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali sabiex il-Kunsill Lokali San Lawrenz jifforma parti mill-Convenant of Mayors (Il-Patt tas-Sindki). Is-Sindku spjega l-iskop wara l-iffirmar ta' dan il-Patt. Il-Kunsill qabel li għandu jissieħeb mal-kumplament tal-Kunsilli Lokali fl-iffirmar ta' dan il-patt.

**4.0 Permessi tal-festa.**

4.1 Is-Sindku rrefera għal problemi kbar li nqalgħu s-sena l-oħra bejn is-sidien tal-kiosks fil-jiem tal-festa. Huwa propona li għandna nlaqqghuhom qabel billi jew niftehmu magħhom fejn ser joqgħodu jew intellgħu bil-polza l-post tagħhom. Il-

Kunsill qabel ma din il-proposta pero fil-każ li ssir il-polza tal-pastizzi għandu jibqa fejn hu jiġifieri ħdejn l-għassa tal-pulizija peress li dak huwa xi ħaġa tradizzjonali. Sar qbil ukoll li l-hawker Lawrence Camenzuli wkoll għandu jitħalla fil-post tas-soltu peress li huwa jkun qed jbiegħ minn quddiem proprjeta tiegħu.

**5.0 Embellishment maz-zuntier tal-Knisja.**

5.1 Is-Sindku semma li wasal iz-zmien li l-arbuxell li hemm ma ġenb il-knisja jitneħħa peress li qed jinxef u qed iħalli dehra kerha ta' telqa. Il-Kunsill qabel ma dan. Sar qbil li għandna nqabbdu lis-Sur Joe Grima biex ineħħiħ b'bobcat u jnaddaf il-post u wara nqabbdu d-Dipartiment tat-Toroq biex jagħmel patching fuq is-sit. Is-Sindku propona wkoll li mbagħad nagħmlu erba' pots tal-injam kbar ( li tagħhom wera d-disinn) u nħawwlu xi siġar u fjuri fihom. Sar qbil li għandna nqabbdu lis-Sur Charlie Farrugia biex jagħtina stima dwar dan ix-xoghol u jekk ma jkunx ta spiża kbira mmexxu fuqha.

**6.0 Aġġornament tal-proġett tar-restawr tal-faċċata tal-knisja.**

6.1 Is-Sindku semma li l-proġett miexi u bħalissa qed isiru l-preparazzjonijiet tal-offerti. Huwa nforma lil kunsill li għadu kemm ħareġ avviż fuq kull gazetta lokali dwar il-ħtieġa ta' project management administrator u li l-applikazzjonijiet jagħlqu fl-1 ta' Lulju 2009.

6.2 Il-Kunsillier John Mercieca propona lil-Kunsill kollu għandu jkun jifforma parti mil-bord tat-tmexxija tal-proġett tal-knisja. Is-Sindku semma li dan ma jistax ikun għax fl-applikazzjoni li ġiet approvata mill-Unjoni Ewropea hemm indikat eżatt min għandhom ikunu l-membri. Huwa semma li t-twaqqif ta' dan il-bord sar fuq parir tal-esperta li mliet l-applikazzjoni wara li rreferiet għal guidelines konnessi mal-applikazzjoni. Is-Sindku semma li f'dan ir-rigward għandna nimxu strettament mal-applikazzjoni. Il-Vici Sindku Anthony Formosa hawnhekk qabel mas-Sindku u qal li ma jaqbilx li nissugraw li nitilfu l-fondi tal-poġett biex sempliċiment ma nħallux lis-Sindku u lis-Segretarja jirrappreżentaw lil kunsill f'dan il-bord. Kien hemm diskussjoni dwar dan u kien hemm qbil li kollox għandu jibqa kif kien miftiehem qabel.

**7.0 Gemellagg ma Isola d'Elba**

7.1 Is-Sindku rrefera għal kuntatti kontinwi li qed isirulu mingħand is-Sindku ta' Isola d'Elba sabiex nibdew il-preparamenti għal ġemellaġġ ma din il-gzira. Is-

Sindku hawnhekk propona li għandna nibdew billi nistiednu delegazzjoni għall-attivita' li applikajna għaliha mal-Unjoni Ewropea taħt il-proġett Europe for citizens, biex issir f'San Lawrenz f'Ottubru u mbgħada fl-2010 isiru l-ġemellaġġi propja. Huwa semma li sadanittant is-Sindku ta' Isola d'Elba stiednu sabiex imur ghal festa tagħhom li ser tkun fit-12 ta' Awissiu. Is-Sindku semma li huma ser iħallsulu l-lodging u l-ispejjes tal-flight ser iħallashom hu personalment minħabba s-sitwazzjoni finanzjarja tal-Kunsill.. Hawnhekk is-Sindku Noel Formosa talab il-parir ta' sħabu jekk għandniex bħala Kunsill nagħmlu l-istess mas-Sindku ta' Marciana Marina f'Isola d'Elba għal festa ta' San Lawrenz. Il-Kunsill qabel li għandna nieħdu l-okkażżjoni u nistiednu lis-Sindku ta' Marina Marciana – Elba għal festa tagħna.

## 8.0 Konferenza f'La Ballme de Sillingy

8.1 Is-Sindku rrefera ghall-Konferenza li ser issir f'La Ballme de Sillingy fi Franza bejn il-25 u t-30 ta' Gunju 2009 fl-okkazzjoni tal-25 Anniversarju mill-Ġemellaġġ li huma għandhom ma Colle Umberto. Is-Sindu semma li d-delegazzjoni magħmula mill-kunsilliera u xi membri tal-kumitat tal-ġemellaġġ għandhom iħallsu 100 ewro bħala parti sostanzjali mill-vjaġġ tal-ajru. Is-Sindku semma li huwa ser jasal direttament hemm u ma hu qed jitlob l-ebda spiża oħra mill-Kunsill. L-akkomodazzjoni ser tiġi mħallsa kollha kemm hi mill-organizzaturi tal-konferenza.

## 9.0 Multilateral Exchange f'Lulju

9.1 Is-Sindku rrefera ghall-Multilateral Youth Exchange li ser tiġi organizzata f'San Lawrenz bejn il-11 u t-18 ta' Lulju 2009. Huwa semma li ser ikunu qed jieħdu sehem l-fuq minn 36 parteċipant li ġejjin minn sitt pajjiżi nkluż Malta. Is-suġġett ta' dan l-iskambju ser ikun il-mużika u huma ser ikunu alloġjati fil-Villagg tas-Sbejħa li jinsab bejn San Lawrenz u l-Gharb.

## 10.0 Traffic calmers fi Triq Nicholas Monsarrat u fi Triq il-Wileġ

10.1 Is-Sindku rrefera għall-approvazzjoni li saret f'laqgħat ta' qabel sabiex isiru traffic humps fi Nicholas Monsarrat u fi Triq il-Wileg . Huwa semma li wara li ħadna pariri mingħand id-Dipartiment tat-Toroq issuġġerew li nagħmlu traffic calmers bħalma saru fi Pjazza San Franġisk fir-Rabat Għawdex għax il-humps huma illegali. Sar qbil li għandna nġibu stima dwar dawn il-calmers.

10.2 Sar qbil ukoll li sadanittant id-drop li għandha ssir fi Triq Nicholas Monsarrat għandha ssir mill-materjal tal-lastiku bħalma huma l-humps.

**11.0 Materji oħra**

11.1 Is-Sindku rrefera għas-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet taħt ir-Rural Fund tal-Unjoni Ewropea biex permezz tagħhom il-Kunsill ikunu jista jirranġa l-pjazza u jagħmel embellishment lill-isqaqien kollha tal-lokal. Huwa esprima x-xewqa tiegħu li dan il-proġett jiġi aċċettat u jekk il-bambin irid inkunu nistgħu niddiskutuh fid-dettal appena jkollna l-approvazzjoni tiegħu.

11.2 Is-Sindku rrefera għall-attivita' li saret f'Ghawdex dik ta' Lejlet Lapsi u għal wirja ta' ritratti dwar San Lawrenz li ttieħdu mil-fotografu Franċiż fi żmien li għamel f'San Lawrenz. Huwa semma li l-wirja ntlaqgħet tajjeb ħafna . Sar qbil li għandna nergħu nesebixxuha fil-jiem tal-festa fil-pjazza. Ġiet diskussa l-possibilita li nagħmlu screen kbir mal-ħajt tal-knisja u nuru r-ritratti kollha fuqu.

11.3 Sar qbil li għal jiem tal-festa għandna nordnaw il-mobile toilets għal dawk it-tlett ijiem tal-festa.

11.4 Is-Sindku rrefera għal miġja ta' saċerdot mill-Benin, Afrika li huwa ħabib ta' Romano Volpato. Huwa semma li dan jixtieq li jiġi jitgħallem l-ingliż hawn u fuq talba tas-Sur Romano Volpato talabna nospitawh u nħallsulu l-kors. Is-Sindku semma li huwa sab voluntiera ċerta waħda Margaret Andrews, maltija li qed toqgħod San Lawrenz li offriet li tagħmillu l-kors hi b'xejn iżda darba fil-ġimgħa kull meta taqsam minn Malta nħallsulha l-ispejjes tal-vapur. Is-Sindku semma li l-kapillan offra li jospitah għandu b'xejn. Il-Kunsill qabel li bħala ikel ta nofsinhar għandna nipprovdulu l-meals on wheels għal prezz ta' 2.33 ewro kull darba filwaqt li għall-ikla ta' filgħaxija ghandna nibgħatu avviż fid-djar biex dawk li jixtiequ jospitawh għandhom għall-ikel għandhom javviċinawna, b'hekk inkunu wkoll qed ninvolvu lill-lokalita' f'dan il-ġest ta' solidarjeta'

11.5 Is-Sindku rrefera għal-ħtieġa sabiex inġeddu l-permess temporanju tat-Tatitas Restaurant biex joħroġ l-imwejjed u s-siġġijiet. Wara diskussjoni sar qbil li għall-istaġun tas-sajf għandna nagħtu permess temporanju ta' tmintax-il mejda bil-

kundizzjoni ta' qabel fosthom li fl-ebda ħin ma jagħlaq l-aċċess ta' Trejqet l-10 t'Awissu u l-isqaq.

11.6 Il-Kunsill qabel li bħala tabelli slipperi fil-bajja tad-Dwejra għandna nagħmlu waħda biss li tgħid "Caution: All slipways are slippery".

11.7 Il-Kunsillier John Mercieca irrefera għal ħajt fit-Triq tad-Dwejra li għandu bżonn ta' manutenzjoni. Is-Sindku semma li huwa mar fuq il-post mad-Direttur Joe Portelli u talab lill-Ministeru biex jieħdu ħsieb jagħmel dan ix-xogħol.

11.8 Il-Kunsillier John Mercieca propona wkoll li peress li ser jilħaq saċerdot ġdid Joseph Curmi, li għamel ħidma kbira f' San Lawrenz ta' min bħala Kunsill nixtrulu xi tifkira. Is-Sindku semma li f'każijiet preċedenti qatt ma mxejna hekk. Xtrajna rigali biss meta ngħata xi pussess ta' kapillan.

11.9 Sar qbil li għandna niġbdu l-attenzjoni tal-Kuntrattur tar-Road Construction sabiex jagħmel xi patching mat-tappieri ta' Triq il-Wileġ.

Il-laqgħa ntemmet fit-8:00 filgħaxija.

Noel Formosa

Sindku

Lucienne Haber

Segretarju Ezekuttiv